18 ta' Ġunju, 1955

**Imħallef:**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Mariano Sare'

## Klieb — Art. 353 (1) (g) tal-Kodiċi Kriminali

*Bil-fatt li kelb jiġri wara tifel ta' età żgħira u jgħola miegħu u jagħtih is-salt, u b'hekk ibeżżgħu, ma tiġix integrata l-kontravvenzjoni msemmija fl-art. 353 (1) (g) tal-Kodiċi Kriminali.*

*F'dik id-dispożizzjoni l-liġi tikkontempla bħala kontravventur lil min "isewwes lil kelb tiegħu biex jagħmel għal xi ħadd, jew ma jfittixx li jżommu meta jkun dejjaq lil xi ħadd".*

*Fil-każ ta' dina l-kontravvenzjoni ma hemm xejn fil-liġi li jista' jawtorizza lill-ġudikant jeżiġi fis-sid tal-kelb, bħala element tal-kontravvenzjoni, ix-xjenza li l-kelb għandu t-tendenza li jagħmel għan-nies, ix-xjenza tal-"mishievous propensity" tal-kelb— apparti milli, f'azzjoni ċivili għad-danni, mhix eskluża l-possibbiltà li fil-konsiderazzjoni tal-kolpa tidħol anki l-indaġini ta' dina l-"mischievous propensity" tal-kelb bħala element ta' prevedibbiltà. Imma fil-kamp kriminali, ir-rekwiżiti meħtieġa biex tiġi ntegrata dina l-kontravvenzjoni huma "(a) li l-kelb ikun għamel għal xi ħadd, u (b) li sidu ma jfittixx li jżommu".*

*Bil-kliem "ma jfittixx li jżommu" l-liġi tivviżwalizza l-każ li fih jew is-sid ikun attwalment preżenti meta l-kelb jagħti s-salt għal ħadd ieħor, jew almenu (jekk mhux preżenti) jiġi avżat minn xi ħadd "hic et nunc", u avvolja, meta jakkorri, il-kelb ikun għadu qiegħed jagħti s-salt għal persuna, is-sid ma jfittixx li jżommu. B'mod li l-kontravvenzjoni kollha tikkonsisti fl-inkurja tas-sid, li ma jagħmel xejn biex jirrimedja "hic et nunc".*

*Jekk ma jiġix provat dan l-element tal-inkurja tas-sid, il-kontravvenzjoni kontemplata f'din id-dispożizzjoni tal-liġi ma teżistix.*

Il-Qorti;— Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli Ħaż-Żabbar, fis-27 ta' Frar 1955, fis-7.30 a.m., naqas li jżomm il-kelb tiegħu milli jiġri wara **Giuseppi Attard** ta' 3½ snin u beżżgħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' April 1955, li biha sabet l-imputat ħati u kkundannatu 5s. ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi, il-Qorti tirritjeni suffiċjentement assodat, bħala fatt, li kien il-kelb ta' l-appellant li ġera wara Giuseppe Attard, tifel ta' xi erbgħa snin, u beda jgħola miegħu u jagħtieh is-salt, u b'hekk beżżgħu. Tant jirriżulta mix-xhieda ................;

B'daqshekk, però, ma hijiex integrata l-kontravvenzjoni msemmija fl-art. 353(1) (ġ) Kap. 12;

F'din id-dispożizzjoni l-liġi tikkunsidra bħala kontravventur min "isewwes lill-kelb tiegħu biex jagħmel għal xi ħadd, jew ma jfittixx li jżommu meta jkun idejjaq lill xi ħadd". Fil-każ in ispeċje, il-Prosekuzzjoni ma hix qegħdha tirradika r-reat askritt lill-appellant fuq l-ewwel parti tad-dispożizzjoni, għax ma tippretendix li l-appellant sewwes lill-kelb tiegħu biex jagħmel għat-tifel, imma qegħdha tibbaża l-imputazzjoni fuq it-tieni parti;

Kif ingħad, din it-tieni parti tgħid (test malti): — "...... jew ma jfittixx li jżommu meta jkun idejjaq lill xi ħadd". U fit-test ingliż: —"...... or does not endeavour to restrain the same when molesting any person". Fit-test taljan antik, id-dispożizzjoni sħieħa kienet hekk: — "Coloro che aizzassero o non si adoperassero di ritenere i loro cani, quando questi perseguitassero qualche persona";

Hu xieraq li wieħed jara x'inhuma r-rekwiżiti ta' din il-kontravvenzjoni;

Jista' jiġi d-dubju jekk hux meħtieġ li l-imputat ikun jaf li l-kelb għandu t-tendenza li jagħmel għan-nies. Fis-sistema leġislattiv ingliż jeżisti l-prinċipju li jeħtieġ li s-sid, biex jkun responsabbli, ikun jaf b'din it-tendenza tal-kelb tiegħu meta l-kelb jagħmel ħsara lil xi persuna, imma mhux meta jagħmel ħsara lill-annimali. Igħid a propożitu il-Halsbury, Hailsham Edit. Vol. I, p. 565, para. 871: —"It is not considered to be the ordinary nature of a dog to injure

either mankind or cattle; therefore, formerly the owner was not liable for any such injuries without proof being given of his knowledge of the dangerous and vicious propensity of his dog. The law has been altered by statute as regards injuries to cattle and poultry, but is unaltered as regards injuries to mankind. In the absence of proof of 'scienter', a dog may still have what is popularly called 'his first bite at a man' .........";

Kieku si trattava ta' każ fejn kelb jigdem u/jew komunkwe jagħmel ħsara lil persuna, u din il-persuna tfittex għad-danni fiċ-ċivil in bażi għall-kolpa akwiljana tas-sid, ma hijiex eskluża l-possibbiltà li, fil-konsiderazzjoni ta' din il-kolpa, tidħol anki l-indaġini tal-"mischievous propensity" tal-kelb, bħala element ta' prevedibbilità; imma fil-każ ta' din il-kontravvenzjoni ma hemm xejn fil-liġi li jista' jawtorizza lill-ġudikant jeżiġi din ix-xjenza mill-parti tas-sid tal-"mischievous propensity" tal-kelb bħala element tal-kontravvenzjoni;

Din il-kontravvenzjoni hi integrata jekk jiġi pruvat (a) li l-kelb għamel għal xi ħadd, u (b) li sidu ma fittixx li jżommu. Issa, il-Qorti hi ta' fehma li, meta l-liġi tgħid il-kliem fuq riportati, "ma jfittixx li jżommu", u fit-test ingliż "does not endeavour to restrain the same", qegħedha tivviżwalizza każ li fih, jew is-sid ikun attwalment preżenti meta l-kelb jagħti s-salt għal xi ħadd ieħor, jew almenu (jekk mhux preżenti) jiġi avżat minn xi ħadd 'hic et nunc', u, avvolja meta jakkorri l-kelb ikun għadu qiegħed jagħti s-salt għal persuna, is-sid ma jfittixx li jżommu. Dan hu s-sens tal-kliem tal-liġi; għaliex malament jista' jiġi addebitat lis-sid li hu ma *jfittixx li jżomm il-kelb tiegħu milli jdejjaq* lil ħadd ieħor, jekk ma kienx jaf, jew għax ma kienx preżenti, jew għax ma giex tempestivament infurmat. Il-kontravvenzjoni kollha tikkonsisti fl-inkurja tas-sid, li ma jagħmel xejn biex jirrimedja 'hic et nunc', partikolarment meta kullħadd jaf li, bħala regola, il-kelb jobdi immedjatament il-kmand ta' sidu. *Id-dispożizzjoni tal-liġi tagħna ġiet* modellata fuq regolamenti tal-Pulizija ta' kodiċijiet kontinentali li kienu jimponu "al proprietario di un cane di richiamarlo quando rincorresse o assalisse una persona" (art.

462 nro. 7, Cod. Due Sicilie; u ara Maino, Vol. IV, paġ. 324, para. 2297, ult. para.);

Issa, fil-każ in ispeċje, l-imputat ma kienx preżenti meta l-kelb ħabat għat-tifel. Jista' jkun, imma ma hux affattu soddisfaċentement pruvat, li hu sama' l-kelb jimbaħ jew lit-tifel jgħajjat, jew lil Buhagiar jew lil Bonnici jagħjtu biex ikeċċu l-kelb. Iżda, anki kieku, "ex hypothesi", semagħhom, jirriżulta li dak il-ħin l-imputat kien imneżża qiegħed jinħasel, u ma kienx fi stat li joħroġ barra a tempo. Għalhekk dik li jgħidulha "ommessa custodia" ma hijiex pruvata;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna li l-appellant jiġi liberat.